**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Miguel Mula, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 366191M**

*Kumpilazzjoni Nru. 25/2013*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Miguel Mula u ċioè talli:

Nhar it-12 ta' Awwissu, 2011, għall-ħabta tas-19:00hrs ġewwa Triq Ħ'Attard, Żebbuġ:

1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAZ502 u b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura nru. DOR 723 u involontarjament ikkaġuna hsara għad-dannu ta' Rodianne Buhagiar.

2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Rodianne Buhagiar skont kif iċċertifikat Dr Chantal Maryse Fernando M.D. Reg 5287 mill-M.D.H.

Il-Porsekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jiġi skalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirilha xieraq.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-21 ta' Frar, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Awissu 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-16 ta' Dicembru, 2015.

Illi fit-tieni lok il-Qorti sejra taghmel riferenza ghax-xhieda tal-espert kirurgu **Mr. Ray Gatt**,[2] fejn kien jghid hekk *"Kont ezaminajt lil Rodianne Buhagiar fis-16 ta' Mejju, 2016 u ma kontx sibt ebda dizabilita` fl-ezaminazzjoni tieghi"*.[3]

---

[1] Fol.244

[2] Fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2017, id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li jerga' jittella' jixhed Mr Gatt sabiex jiffirma r-rapport tieghu prezentat u kkonfermat minnu bil-gurament fis-seduta tal-10.10.2016.

[3] Fol.205. Ghandu jigi osservat li fl-atti kien gie prezentat mill-parte civile rapport mediku redatt mill-kirurgu Mr. Massimo Abela izda la meta il-kawza tmexxiet bil-procedura sommarja kif ukoll wara li regghet inqrat l-akkuza, ma kien gie prodott bhala xhud l-imsemmi kirurgu, li fuq kollox il-konkluzzjoni minn tieghu tibqa' dik ta' xhud *ex parte*.

Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni hi dik ravvizata bl-artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena erogabbli hi dik ta' massimu ta' tlett xhur prigunerija jew il-multa, filwaqt li t-tieni imputazzjoni hi dik ravvizata bl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali bil-piena tkun dik ta' massimu ta' sitt xhur prigunerija jew il-multa.

Illi l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali **jipprovdi:**

**688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –…..

(*e*) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Illi ghalkemm ir-reat sehh fit-12 t'Awissu, 2011 l-akkuza inqrat quddiem il-Qorti diversament preseduta fit-8 t'April, 2014,[4] ferm wara l-gheluq tat-terminu ta' sentejn li fiha setghet titmexxa l-azzjoni kriminali dwar l-istess reati.

Ghaldaqstant din il-Qorti, kif hija obbligata mill-ligi stess billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali mressqa fil-konfront tal-imputat bhala bhala wahda preskritta u kwindi hija estinta.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[4] Verbal a fol.41